MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 81/2003

**Joseph Farrugia u Franklin Farrugia**

**Vs**

**Mario Xuereb**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi filwaqt li wiehed mill-atturi Franklin Farrugia kien qieghed wieqaf fil-vettura Renault Nru JVF 179 gewwa Pjazza Savina sehhet kollizjoni mal-vettura Peugeot 306 BAT 325 proprjeta’ u misjuqa mill-konvenut Mario Xuereb, ghal liema kollizzjoni il-konvenut huwa unikament responsabbli peress li l-konvenut kien qieghed isuq b’velocita’ eccessiva, bi traskuragni, u nuqqas ta’ proper look out, kif ukoll nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku fil-hin tal-incident u habat mal-vettura tal-

esponenti li kienet stazzjonarja fil-hin tal-impatt, u inoltre harab minn fuq il-post wara li saret il-kollissjoni.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jigi mitlub sabiex jiddikjara lill-konvenut Mario Xuereb unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fl-14 ta' April 2002 minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

U jikkundanna lil Mario Xuereb ihallas lill-atturi is-somma ta' tlett mija u erbgha u sittin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm364.36) in linea ta' rizarciment ta' danni fuq il-vettura tal-esponenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja datata 14 ta' Mejju 2002, u dik ta' ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma' dana l-avviz a tenur tad-disposizzjonijiet tal-kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet legali dekorrobli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali ta' Lulju 2003 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti imsejjah."

Ra r-risposta:

"1. Il-pretensjonijiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

2. Illi l-incident imsemmi fl-avviz sehh unikament responsabilita' ta' Franklin Farrugia minhabba imperizja, traskuragni u ksur ta' regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

3. Illi ghalhekk il-konvenut m'huwa tenut ihallas l-ebda danni konsegwenti ghal dan l-incident.

4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju qed tigi kkontestat l-ammont li qed jigi reklamat mill-atturi bhala l-valur tad-danni subiti billi d-danni jammontaw ghal mitejn u sittax il-lira Maltija u zewg centezmi (Lm216.02).

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez."

Sema' l-provi;

Ikkunsidra illi:

L-incident sehh fi Pjazza Sabina, Victoria, Ghawdex. Din il-pjazza ferm traffikuza u centrali fil-gzira Ghawdxija ghandha konfigurazzjoni ferm irregolari. Hekk kif tintemm Triq Sir Adriano Dingli (prolungazzjoni ta' Triq ir-Repubblika, it-Triq ewlenija tal-Belt Victoria) il-bini jibqa' sejjer ghad-dritt fuq in-naha tal-lemin filwaqt li fuq in-naha tax-xellug il-bini jidhol il-gewwa b'mod li hemm l-ewwel parti ta' din il-pjazza f'ghamla rettangolari. Fl-ahhar ta' din il-parti tal-pjazza hemm triq li tigi press-a-poko perpendikulari ma' Triq Sir Adrian Dingli. Lil hinn minn din it-triq – li allura taqsam il-pjazza – il-pjazza terga' tidjieq min-naha tax-xellug b'mod li l-bini jerga' jigi bi dritt Triq Sir Adrian Dingli. F'dan il-punt l-ghamla tal-pjazza huwa bhal lembut, bin-naha tal-lemin tal-lembut jisporgi iktar lejn il-lemin min-naha tal-prolungazzjoni ta' Triq Sir Adrian Dingli. Il-lembut, fil-parti d-dejqa tieghu jisporgi fi Triq Monsinjur Luigi Vella, li hija approssimament bi dritt Triq Sir Adrian Dingli. Fin-nofs tal-parti l-wiesa tal-lembut hemm *bus shelter* mat-triq imsemmija li taqsam il-pjazza. Jekk wiehed ikun gej minn Triq Mons Luigi Vella, wiehed jista' jew jikser fuq in-naha tax-xellug biex jikser ghal Triq Sant'Ursula, inkella jibqa' ghaddej kwazi bid-dritt, u cioe' fuq in-naha tal-lemin tal-lembut. Fuq din in-naha, hemm pedestrian crossing bejn il-bus shelter u l-bini; imbaghad hemm stop-sign akkompanjata b'sinjal kontinwu abjad mizbugh fit-triq, ukoll bejn il-bus shelter u l-bini, li jifred it-triq imsemmija li taqsam perpendikularment lil Pjazza Sabina. Min ikun gej mid-direzzjoni ta' Triq Mons Luigi Vella, hekk kif jaqbez l-istop sign, biex jaccedi ghal Triq Sir Adrian Dingli, irid jikser lejn ix-xellug, ghax jekk jibqa' sejjer bi dritt ikun qieghed isuq *wrong side.* Fuq il-lemin meta wiehed ihares mid-direzzjoni ta' Triq Mons Vella lejn id-direzzjoni ta' Triq Sir Adriano Dingli, fil-parti

perpendikulari ta’ Pjazza Sabina, hemm *parking space* maqsum f’ghadd ta’ *parking bays* f’zewg fillieri jmissu ma’ xulxin.

It-Tribunal qieghed jiddeskrivi l-post tal-incident mill-ahjar li jista’  b’dan id-dettall billi ma sarx skizz tal-incident – ghax il-konvenut baqa’ sejjer wara l-habta -  u l-anqas gie pprovdut bi pjanta jew site-plan tal-lokalita’ tal-incident. Billi l-partijiet taw verzjonijiet differrenti dwar kif sehh l-incident, it-Tribunal ghandu l-kompitu li jara hemmx lok li titwemmen verzjoni jew ohra minghajr l-assistenza tas-solitu skizz, li s-soltu jipprovdi, flimkien mar-rapport tal-pulizija, l-ahjar evidenza tar-*res gestae*.  Almenu f’dan il-kaz it-Tribunal huwa fornut b’dan ir-rapport.

Mhux kontestat li l-incident sehh fl-14 t’April 2002 ghall-habta tat-tlieta ta’ filghodu, u li dak il-hin bikri ma jidhirx li kien hemm xi traffiku partikulari fit-triq apparti z-zewg sewwieqa nvoluti fil-habta.

L-attur Franklin Farrugia *a tempo vergine* qal, skond ir-rapport tal-pulizija (fol 26) li fil-mument tal-incident huwa kien ghadu kif irriversja mill-parking area u x’hin kien ghadu f’distanza ta’ zewg metri mill-karozzi pparkjati quddiemu (minn konstatazzjonijiet li ghamel it-Tribunal, irrizultalu li allura l-attur  kien ghadu ma oltrepassax il-linja medjana tal-karreggjata tal-lemin tat-triq), giet il-karozza misjuqa mill-konvenut Xuereb b’velocita’ qawwija min-naha ta’ Triq Mons Luigi Vella, ghaddiet bejn il-vettura tieghu u l-vetturi pparkjati,  hakk mal-vettura misjuqa minn Franklin Farrugia u baqa’ ghaddej, minkejja li Franklin Farrugia daqqlu l-horn.

Xuereb, *a tempo vergine* (fol 26)  qal li kien tiela minn Triq Mons Luigi Vella u hareg fi pjazza Sabina.  Kif qabez iz-zebra crossing u wasal quddiem il-karozzi pparkjati fuq il-lemin tieghu, kien hemm karozza wieqfa wara li harget mill-parking area, beda ghaddej minn quddiema u hu (Franklin Farrugia) saq ’il quddiem u hakk ftit mal-konvenut.  Quddiem it-Tribunal (fol 53) qal li lil Franklin Farrugia rah wieqaf, bla dawl, f’nofs il-pjazza sa minn meta huwa (l-konvenut) hareg minn Triq Mons Luigi Vella,

u li fl-ebda moment qabel il-habta ma rah jiccaqlaq jew johrog mill-parking. It-tieni verzjoni moghtija mill-konvenut ma taqbilx mal-ewwel verzjoni li ta' fis-sens li fl-ewwel verzjoni jghid li l-vettura ta' Farrugia kienet wieqfa wara li harget mill-parking area, filwaqt li fit-tieni verzjoni jghid li raha l-hin kollu wieqfa. Biex ta l-ewwel versjoni, huwa ovvju li l-konvenut kien ra lil Farrugia jaghmel il-manuvra tieghu ta' reversjar.

Il-konvenut fl-ebda verzjoni li ta ma ghamel accenn ghall-istop sign, jew qal illi waqaf, u b'hekk bl-ebda mod ma kkontradica l-verzjoni ta' Farrugia li huwa baqa' hiereg minn fuq l-*istop sign*.

Il-konvenut mhux biss kiser ir-regolamenti tat-traffiku meta baqa' hiereg minn fuq l-istop sign, (li tigi biss circa tlett metri 'l boghod minn fejn kien wieqaf l-attur) izda minflok ma stenna lil Farrugia jdawwar huwa ghadda *wrong side* fuq in-naha tal-lemin tal-karreggjata minflok kiser ghal fuq in-naha tax-xellug tieghu, u dan meta kellu biss wisa' ta' zewg metri mnejn jghaddi bejn il-vettura ta' Farrugia u l-vetturi pparkjati – manuvra ferm perikoluza in vista tal-manuvra li kien qieghed jaghmel Farrugia. Altru milli Farrugia kien stazzjonarju l-hin kollu, imbaghad f'daqqa wahda saq 'il quddiem. Anke kieku ghamel hekk, xorta wahda kien jahti l-konvenut ghall-incident ghax dak il-hin kien ghadu kif injora l-*istop sign* u mar wrong side. Pero' din il-verzjoni ma taqbilx mad-dinamika tal-incident u mal-hsarat fil-vetturi. Il-hsara fil-vettura tal-konvenut kienet bi sbrixx mal-gemb taghha. Kieku Farrugia mexa 'l quddiem, il-hsara ma kinitx tkun bi sbrixx imma kien ikun hemm daqqa 'l gewwa. Anke l-konvenut, *a tempo vergine* stqarr mhux li qala' daqqa, imma li l-attur hakk ftit mieghu.

Fl-ahharnett it-Tribunal ma jistax ma josservax ukoll li l-konvenut ma waqafx wara l-habta, kif kellu l-obbligu li jaghmel, imma baqa' sejjer.

Ma hemmx dubbju li l-kawza prossima tal-incident kienet il-manuvra perikoluza li ghamel il-konvenut, li kienet ukoll bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku.

Dwar il-*quantum* tad-danni, dawn gew ridotti ghas-somma ta’ LM216 (fol 55), l-istess ammont ta’ danni li l-konvenut fir-raba eccezzjoni tar-risposta tieghu qal illi kien hemm.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jsib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident u jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta’ LM216 ammont ta’ danni lilhom ikkawzati bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-14.05.2002,  u tal-ittra ufficcjali ta’ Lulju 2003, bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------